Supplíment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru 15,370, 18 ta' Diċembru, 1990
Taqsima B

A.L. 206 ta' l-1990

ATT TA' L-1981 DWAR L-IMPRIŻA TA' L-ASSIGURAZZJONI

(ATT NRU. XVII TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja (Avviż Statutorju) (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 ta' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja (Avviż Statutorju) (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1989 dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja (Avviż Statutorju), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 129 ta' l-1989.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1991" għandhom jidħlu l-kliem "u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1991".